**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**Spettur Spiridone Zammit**

**vs**

**Vincent Xuereb**

**Kumpilazzjoni numru 55/2018**

**Illum 22 ta' Mejju, 2018**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Vincent Xuereb** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 82266 (M) billi huwa akkuzat talli:

Fix-xhar ta' Lulju 2017 u zminijiet wara f'dawn il-gzejjer b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji ghamilt qliegh ta' madwar

€15,000 ghad-detriment ta' Omar Vella, Reuben Butigieg, Hector Spiteri, Mario Falzon, Jason Pace, Michael Farrugia u/ jew persuni ohra, MIM Training Development Services u/jew entitajiet ohra.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' iffalsifika diversi cekkijiet tal-Bank of Valletta Akkont Numru 4010466762 tal-Kumpanija MIM Training & Development Services u billi holoq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Ukoll talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti kitba jew skrittuta falza.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi xjentement laqa' ghandu jew xtrara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex imexxihom jew ibieghhom.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi malli sar jaf li xi haga kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew haga mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat naqas li jgharraf lill-pulizija b'dak il-fatt fi zmien gimgha minn meta kien hekk sirt jaf.

Ukoll talli fl-istess cirkustanzi nqast milli jhares xi wahda, w/jew iktar minn wahda, mill-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja, Magistrat, Dr. Antonio Mizzi LL.D., b'digriet datat 15.10.2012 u li permezz tieghu l-istess inghata l-helsien mill-arrest taht diversi kundizzjonijiet, fosthom li ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat imsemmi, tirrevoka 'contrario imperio' d-digriet tal-helsien mill-arrest datat 15.10.2012 u tordna l-arrest mill-gdid ta' Vincent Xuereb kif ukoll, li tordna li s-somma ta' mitejn Euro (€10,000) bhala garanzija personali, li giet imposta fuqu sabiex taghmel tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta, kif stipulat fl-Artikolu 579(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta tas-6 ta' April 2018 ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u

kien biss wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Laqghet it-talba biex isir *Pre-Sentencing Report* dwar l-imputat.

Semghet lir-rapprezentanta tad-Dipartiment tal-Probation u l-Parole Charise Boffa li hejjiet *Pre-Sentencing Report* dwar l-imputat.

Fil-**Pre-Sentencing Report** irrizulta:

***Fatturi identifikati***

- *Il-każ odjern huwa relatat ma' falsifikar ta' diversi ċekkijiet tal-Bank of Valletta għad-danni tal-kumpanija MIM Training & Development Services fix-xahar ta' Lulju 2017. Vincent għandu każ ieħor pendenti tal-istess natura quddiem il-Maġistrat Dr Claire Stafrace Zammit. Ħarsa lejn il-Fedina Penali tal-imputat tindika li huwa kellu każ wieħed relatat ma' ġlied mal-pulizija u huwa ngħata sentenza sospiża għal perjodu ta' erba' snin fis-sena 2011. Vincent kellu wkoll tliet każijiet 'il fuq minn tletin sena ilu relatati ma' kontravenzjonijiet u ksur ta' paċi pubblika.*

- *Rigward l-aspett tal-familja, jidher li l-ikkonċernat kellu kemm fi tfulitu u kif ukoll miż-żwieġ tiegħu ħafna imħabba u sapport. Huwa għandu tifla waħda li għandu relazzjoni tajba ħafna magħha. Minkejja dawn il-fatturi pożittivi Vincent għadda l-familja tiegħu minn ħafna problemi u inkwiet kontinwu tul is-snin. Dan minħabba l-problemi li hu għandu tal-użura u tal-logħob tal-ażżard. Mill-informazzjoni miġbura mit-tifla tal-imputat, hija tgħid li missierha minn dejjem kien riservat u kien iżomm kollox għalih, minkejja dan huma xorta waħda kienu jindunaw li kien għaddej minn ħafna inkwiet. Huma ta' spiss kien jkunu bla flus u anke kellhom ibiegħu tlett idjar minħabba d-dejn li huwa kien għamel. Huma kienu jgħaddu minn theddid kontinwu u kemm -il darba kienu jsibu nies mal-bieb tad-dar. B'riżutat ta' din is-sitwazzjoni ż-żwieġ tal-imsemmi kien turbulenti ħafna u kemm -il darba l-mara tiegħu kienet tkun trid tissepara.*

- *Jirriżulta li Vincent dejjem kien raġel bieżel u ħadem f'diversi xogħlijiet tul ħajtu, speċjalment fil-qasam tal-ġebel peress illi għandu s-sengħa ta' bennej. Din l-*

*informazzjoni ġiet ukoll ikkonfermata mar-rekords tal-Jobsplus. L-imputat anke għamel numru ta' snin jaħdem kemm il-Libja u kif ukoll l-Ingilterra biex jaqta' minn nies negattivi f'Malta u miċ-ċirku li kien ikun fih u kemm -il darba kien reġa' qam fuq saqajh. Riċentement l-ikkonċernat għadda bord peress illi jbati b'dahru u ma jistax jagħmel xogħol ta' tqandil u kif ukoll minħabba l-qagħda mentali tiegħu.*

- *L-iktar fattur li għandu jiġi nnutat huwa l-istorja twila ta' logħob tal-ażżard tal-imputat, huwa jammetti li beda jilgħab minn mindu kien għadu ġuvni u għal tul ta' snin kien jirnexxilu jmantni dan il-vizzju bil-paga li dejjem kellu. Iżda wara ċertu żmien huwa beda jissellef il-flus u bdiet ukoll il-problema tal-użura li Vincent daħal fiha b'konsegwenza tal-vizzju li għandu. L-imsemmi qatt ma xtaq l-għajnuna fuq dawn il-problemi għaliex dejjem emmen li ser jirnexxilu jsolvi kollox waħdu, iżda dan l-inkwiet kollu kellu impatt ħażin ħafna f'kull aspett ta' ħajtu fosthom fis-saħħa mentali tiegħu. Vincent ammetta li kien ikollu nervi u dwejjaq kbar u kemm -il darba kkontempla li jagħmel suwiċidju. Għalhekk madwar erba' snin ilu huwa mar għand Dr Joseph Spiteri li huwa konsulent psikjatra u għadu sal-preżent taħt il-kura psikjatrika tiegħu. Huwa jieħu mediċina psikotropika biex jikkontrolla l-ħsibijiet u l-emozzjonijiet tiegħu.*

- *Ma jidhirx li hemm problema ta' vizzji oħra hekk kif ġie kkonfermat mill-Aġenziji li jaħdmu ma' nies bil-problemi tad-drogi u alkoħol. Test tal-urina li ttieħed ġewwa d-Dipartiment tal-Probation u l-Parole rriżulta fin-negattiv għas-sustanzi illeċiti tal-kokaina, eroina u kannabis. Minkejja dan jidher li fiċ-ċertifikat tal-psikjatra Dr Spiteri hemm imsemmi li huwa għandu problema ta' użu ta' xorb.*

***Pjan ta' kura***

*Inkonnessjoni mal-punt ta' hawn fuq minħabba l-istat psikjatriku ta' Vincent, jidher li huwa għandu bżonn ikompli jieħu l-għajnuna psikjatrika mal-imsemmi konsulent.*

*Għajr minn hekk huwa għandu bżonn jibda jitkellem iktar u jieħu wkoll għajnuna psikoloġika sabiex jibda jaħdem fuqu nnifsu u jindirizza l-vizzju tal-logħob li huwa għandu.*

*Ikun ta' benefiċċju għall-imputat li huwa jingħata wkoll gwida u jitgħallem iqassam il-flus u jiġi mgħejjun kif bil-mod jista' jkompli jaqta' d-dejn li baqagħlu.*

*Vincent għandu bżonn ukoll jibda jingaġġa ruħu f'attivitajiet iktar pożittivi sabiex jimla l-ħin tiegħu matul il-ġurnata u għalhekk ikollu inqas ċans jirrikorri għal vizzju li huwa għandu.*

*Mill-osservazzjonijiet tal-Uffiċjal sottoskritta jidher li l-imputat għandu bżonn superviżjoni sabiex il-pjan ta' kura imfassal jiġi attwat għaliex tul ħajtu huwa qatt ma kellu din it-tip ta' għajnuna u gwida mandatorja.*

***Rakkomandazzjoni***

*F'dan il-każ l-imputat ammetta għall-akkużi li qed jiġu miġjuba kontrih. Għaldaqstant qed jiġi umilment issuġġerit li Vincent Xuereb jingħata Ordni ta' Probation skont l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal terminu ta' tliet snin. Permezz ta' din l-ordni huwa maħsub li l-imputat ikollu deterrent biżżejjed sabiex iżomm 'il bogħod mill-kriminalità, kif ukoll jista' jingħata l-gwida neċessarja u jiġi aċċertat li jsir  il-progress mistenni hekk kif ġie mfassal fil-pjan ta' kura.*

Semghet s-sottomissjonijiet finali mill-Prosekuzzjoni u d-difiza in kwantu jirrigwarda l-piena u kien hemm qbil li l-Qorti ghandha timxi mar-rakomandazzjoni fil-Pre-Sentencing Report li *"Vincent Xuereb jingħata Ordni ta' Probation skont l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta għal terminu ta' tliet snin. Permezz ta' din l-ordni huwa maħsub li l-imputat ikollu deterrent biżżejjed sabiex iżomm 'il bogħod mill-kriminalità, kif ukoll jista' jingħata l-gwida neċessarja u jiġi aċċertat li jsir il-progress mistenni hekk kif ġie mfassal fil-pjan ta' kura."*

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

**Kliem il-President tar-Repubblika**

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet il-President tar-Repubblika Marie Louise Coleiro Preca fil-gradwazzjoni tal-Caritas fit-23 ta' Gunju 2017 fejn ghaxar persuni li ghelbu l-abbuz tad-droga.

**Il-President appellat lill-awtoritajiet** ***"biex lil dawn l-għeżież gradwati tagħna llum, u ta' qabilhom, jkomplu jagħtuhom l-appoġġ li għandhom bżonn."***

**Appellat ukoll, biex issa li se jibdew triqithom, jingħataw l-għajnuna li għandhom bżonn, biex jiksbu d-dinjità sħiħa tagħhom.**

**Il-President qalet li filwaqt li huwa importanti li nirrikonoxxu t-tant u tant bidliet għall-aħjar li l-awtoritajiet diversi tagħna għamlu, fil-liġijiet u fil-policies matul is-snin biex nagħtu aktar support lil dawk li jirrijabilitaw ruħhom mill-vizzju tad-droga,** ***"jinħtieġ li ma nieqfux hawn, iżda nkomplu ntejbu kemm il-liġijiet, kif ukoll il-policies tagħna, biex dawn l-għeżież ħutna u uliedna, jkunu f'qagħda li jilqgħu għall-isfidi u r-realtajiet tal-ħajja."***

**Bħala eżempju, l-President semmiet diffikultà kbira li ħafna jsibu meta jkollhom każijiet pendenti fil-Qorti wara li jkunu spiċċaw il-programm. Hawn, il-President appellat lill-awtoritajiet tagħna biex jindirizzaw din id-diffikultà,** ***"għaliex għandna sitwazzjonijiet li wħud minn dawn ħutna u uliedna, wara li jkunu spiċċaw il-programm, jibqagħlhom każijiet pendenti għax il-Qorti ma titrattax il-każijiet flimkien, u wħud minnhom saħansitra anke jispiċċaw il-ħabs wara li jkunu irrijabilitaw ruħhom fis-soċjetà."***

Il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li stqarret il-President tar-Repubblika fil-11 ta' Lulju 2014 waqt gradwazzjoni ohra tal-Caritas:

*"Aħna soċjetà li rridu nirriflettu tassew il-valur tal-imħabba u m'għandniex nitilfu lanqas persuna waħda minn fostna, għad-dulur li ġġib il-ħajja fid-droga".*

KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

*l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor.

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Fis-sentenza mghotija fil-kawza Il-**Pulizija vs Maurice Agius**[2] dik il-Qorti qalet hekk:

> *Huwa car...., li l-ewwel haga li qorti trid tiddecidi hi jekk il-kaz jimmeritax piena ta' prigunerija, b'mod li jigu eskluzi (jekk kienu talvolta applikabbli u mhux aprioristikament eskluzi mill-ligi stess) mizuri bhal ordinijiet maghmula taht l-Att dwar il-Probation jew multa. Jekk jigi stabbilit, tenut kont tac-cirkostanzi kollha, li l-kaz kien jimmerita prigunerija, il-gudikant irid jghaddi ghat-tieni stadju, u cioe` biex jiddetermina t-tul ta' tali prigunerija. Hawn ukoll il-gudikant ma jridx joqghod ihares lejn is-subartikolu (1) tal-Artikolu 28A u jipprova jara kif ibaxxi l-piena biex igibha ma teccedix is-sentejn. Il-piena ta' prigunerija trid tkun dik il-piena li oggettivament taghmel ghall-kaz, indipendentement minn jekk tkunx tista' tigi sospiza o meno. Huwa biss jekk il-piena hekk oggettivament stabbilita ma tkunx ta' aktar minn*

[2] Deciza fit-13 ta' Novembru 2009.

*sentejn prigunerija li l-gudikant jghaddi ghat-tielet stadju, u cioe`biex jikkonsidra jekk ghandux jissospendi o meno tali piena (ghal periodu ta' mhux anqas minn sena u mhux izjed minn erba' snin). Huwa evidenti li l-ewwel haga li trid issir f'dana t-tielet istadju hi li wiehed jara jekk hemmx xi ostakolu statutorju ghal tali sospensjoni ....; jekk ma hemmx tali ostakoli, allura, u allura biss, tqum il-kwistjoni ta' jekk il-piena ta' prigunerija ghandhiex tigi sospiza u, jekk jkun jidhrilha li l-kaz ikun wiehed li fih sentenza ta' prigunerija ghandha tigi sospiza, x'ghandu jkun il-periodu operattiv taghha (cioe` ghal kemm zmien tibqa' hekk sospiza fuq ras il-hati).*

**Is-sentenza Rittmar Hatherly u Justine Farrugia**[3]

Din il-Qorti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet il-**Pulizija vs Rittmar Hatherly et**. deciza mill-Prim Imhallef Vincent Degaetano fid-9 ta' Ottubru 2008, fejn huwa tajjeb li wiehed jara l-isfond ta' dik is-sentenza biex ikun aktar infurmat kif il-Qorti dakinnhar irragunat, liema argumenti din il-Qorti taqbel maghhom u thaddanhom.

[Jibda biex jinghad li fil-fehma ta' din il-Qorti dana l-appell ta' l-Avukat Generali, bil-mod kif inhu redatt, jirrazenta l-fieragh. In fatti kullma jinghad fih, ghal dak li hu aggravju, hu s-segwenti:

**"Illi l-aggravju hu car u manifest u jikkonsisti filli l-ewwel Qorti ghas-semplici raguni li deherilha li jkun ta' beneficcju ghall-imputati u s-socjeta`, poggiethom fuq Probation. Illi bir-rispett l-ordni ta' Probation hija intiza biex jinghata f'kazi genwini u mhux f'kazi bhal dawn fejn minkejja kull hniena mill-Qorti l-appellanti baqghu jiksru l-ligi kif jirrizulta mill-fedina penali taghhom. Illi f'dan il-kaz il-piena kellha tkun wahda karcerarja."**

Wara din l-esposizzjoni skarna u lakonika ta' l-aggravju, issegwi t-talba ghar-riforma – din il-Qorti qed tintalab tikkonferma s-sejbien ta' htija izda tirrevoka l-Ordnijiet ta' *Probation* u minflok "tinfliggi piena karcerarja effettiva skond il-ligi." F'dan ir-rikors ma sar lanqas l-icken tentattiv da parti tar-rikorrent appellant biex jipprova jinseg xi argument a bazi <u>ta' dak li tghid il-ligi</u>,

[3] App Nru 178/08

per ezempju, fis-subartikoli (1) u (2) tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446, jew a bazi ta' dak li nsibu fil-gurisprudenza jew fl-awturi. L-appellant donnu isejjes l-appell tieghu unikament fuq il-kuncett ta' "kaz genwin" kontrappost ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn il-Qorti tkun precedentement uriet hniena ma' dak li jkun izda dan ikun baqa' jikser il-ligi. Anqas ma hu l-Avukat Generali jitlob l-applikazzjoni ta' l-Artkolu 23 tal-Kap. 446 – hu qed jitlob biss "piena karcerarja effettiva" fil-konfront taz-zewg appellati.

Issa, ghalkemm huwa veru li qorti ghandha dejjem toqghod attenta li ma tizvalutax il-mizuri mhux karcerarji a disposizzjoni taghha b'applikazzjoni taghhom bl-addocc u minghajr ma tiehu kont xieraq tal-antecedenti penali ta' dak li jkun, mill-banda l-ohra s-semplici fatt li persuna tkun precedentement inghatat *probation* jew *conditional discharge* ma jfissirx necessarjament li ma tkunx tista', jew li m'ghandhiex, fil-kazijiet li jikkwalifikaw terga' tinghata *probation* jew *conditional discharge* jew tigi applikata fil-konfront taghha xi mizura ohra taht il-Kap. 446. F'dan ir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza taghha tat-18 ta' Jannar 2001 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. George Farrugia:**

> "Issa, huwa veru li l-appellat ghandu fedina penali li ftit din il-Qorti rat bhalha. Bizzejjed jinghad li dina l-fedina penali tiehu xejn anqas minn 42 faccata. L-appellat illum ghandu erbghin sena, u f'dawn l-erbghin sena huwa kellu xejn anqas minn 77 kundanna mill-Qrati ta' Gustizzja Kriminali. Kien hemm xi okkazzjonijiet fis-snin sebghin u fil-bidu tas-snin disghin meta l-qrati applikaw fil-konfront tieghu sia l-Artikolu 5 kif ukoll l-Artikolu 9 tal-Kap. 152; il-bqija tal-kundanni, pero`, jinvolvu multi u habs. A propositu ta' din il-karriera, l-Avukat Generali, fir-rikors tieghu, jghid hekk:
>
> > ""F'dawn ic-cirkostanzi u f'din is-sitwazzjoni refrattarja u irriversibbli li fiha l-imputat waddab lilu nnifsu, l-esponent bl-akbar umilta` ma jista' qatt jaccetta jew jikkondividi it-tip ta' piena, jew ahjar il-mod kif l-ewwel qorti deherilha li kellha titratta mal-imputat. Hawnhekk ma ghandniex xi kaz ta' xi cittadin Malti ta' eta` tenera li habat difrejh l-ewwel darba mal-ligi u jinstab l-ewwel darba quddiem il-Qorti."
>
> "Apparti li din il-Qorti ma tistax taqbel ma' l-Avukat Generali fejn dan jghid li s-sitwazzjoni ta' l-appellat hija "irriversibbli" – fil-fehma tal-Qorti hija l-mewt biss li ggib stat jew sitwazzjoni ta' irriversibilita` assoluta – anqas ma tista' din il-Qorti tikkondividi l-fehma ta' l-Avukat Generali li Ordni ta' *Probation* hu indikat biss ghal "first offenders" zghazagh. Anke fil-kaz ta' persuna ta' eta` mhux zghira u li forsi hu recidiv, tista' titfacca fil-hajja ta' dik il-persuna *a window of opportunity* li permezz taghha jkun jista' jinkiser ic-ciklu ta' kundanni u ta' prigunerija. Kif jispjega David Thomas fil-ktieb tieghu ***Principles of Sentencing*** (Heinemann, London, 1979):
>
> > "" The term 'inadequate recidivist' is used to describe an offender, middle aged or older, who has over a long period of years committed numerous offences, not in themselves in the first rank of seriousness, and has served many terms of imprisonment as well as experiencing an extensive selection of other penal measures. Faced with such an offender, the Court will usually grasp any chance of breaking the cycle of offence and sentence, even if the chances of success are obviously limited...As in the case of the intermediate recidivist there must be some prospect of success, however remote" (pp. 22, 23).

"U aktar tard l-istess awtur jghid hekk dwar l-uzu ta' l-Ordni ta' *Probation*:

> ""The probation order is clearly the most important individualized measure available to a sentencer. It is not limited to any one group of offenders; as the discussion in chapter one illustrates, probation is used to deal with recidivists of mature age as well as the young and those of good character" (p. 236).

Minn dan kollu jidher car kemm hi zbaljata l-idea semplicistika ta' l-appellant li ghax persuna kienet inghatat precedentement xi forma ta' *non-custodial sentence* allura hija neccessarjament m'ghandhiex terga' tinghata *probation*. Kif inghad, kollox jiddependi fuq il-fattispeci partikolari tal-kaz, u b'mod specjali fuq il-*prospect of success* ta' dik il-mizura partikolari ghal dik li hija r-riforma tal-hati.]

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat u minhabba c-cirkostanzi specjali tal-kaz jidrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea fic-cirkostanzi ghaliex l-imputat ilu ghal dawn l-ahhar snin miexi fit-triq it-tajba u kaz li ghandu pendenti ilu quddiem il-Qrati taghna mill-2012.

**Dewmien ta' procedura**

Il-Qorti tinnota li l-proceduri marbuta mal-kaz li ghalih qieghda tintalab ir-revoka tal-liberta' provizorja u l-konfiska tal-garanzija personali ilhom bdew mill-2012.

F'dan ix-xenarju ta' dewmien bla bzonn, din il-Qorti ttenni dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza "Il-**Pulizija vs. Anthony Azzopardi**" [4.2.2010] u cioe' li:-

> *"Ghalkemm din il-Qorti tifhem u tapprezza li biz-zieda enormi fil-kompetenza taghhom f'dawn l-ahhar snin il-Qrati tal-Magistrati gew inondati bix-xoghol u qed jahdmu taht pressjoni liema bhalha, dan id-*

*dilungar zejjed biex jigu decizi kawzi fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, wara li l-Avukat Generali jkun baghat l-artikoli, qed johloq znaturazzjoni tal-processi kriminali li min-natura taghhom ghandhom jigu decizi kemm jista' jkun malajr kemm fl-interess tal-persuna akkuzata u kif ukoll fl-interess tas-socjeta' li f'isimha tkun qed issir il-prosekuzzjoni. Huma l-gudikanti li jirregolaw it-tempo li bih titmexxa – jew ma titmexxiex - kawza. Din is-sitwazzjoni, li ma tikkoncernax biss din il-kawza, mhix accettabbli u hemm bzonn li tigi korretta b'mizuri legizlattivi li jassikuraw li dawn il-kawzi jigu decizi fi zmien ragjonevoli izda li jkun mandatorju u stabbilit bil-ligi."*

Dwar dan esprimiet ruhha l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Samuel Onyeabor vs. Avukat Generali** deciza nhar it-Tnejn 14 ta' Dicembru 2015:

*Huwa minnu illi l-każ kien x'aktarx kompless u kien jeħtieġ ċerta tħejjija. Madankollu, dan ma jfissirx illi seba' snin kienu meħtieġa biex il-proċess, mhux jintemm, iżda jitwassal sal-istadju li għall-inqas jinħareġ l-att ta' akkuża. Fil-fatt eżami tal-proċess ta' kumpilazzjoni juri illi d-dewmien kien mhux minħabba l-komplessità tal-każ jew minħabba l-volum ta' xhieda, iżda minħabba l-mod kif il-proċess tmexxa, li juri illi n-nuqqas aktar milli f'parti jew f'oħra qiegħed fis-sistema nnifsu, li ma jħallix li proċess jibda u jintemm iżda jitkarkar: il-għir tax-xiehda jsir bin-nifs, seduti jinħlew billi jinstema' biss xhud wieħed għal ftit minuti, seduti oħra jkollhom jitħassru għax lill-Qorti stess jew lill-Prosekuzzjoni jidħlilhom xogħol ieħor aktar urġenti u*

*jitħassru wkoll seduti għal raġunijiet varji. Naturalment, aktar ma l-proċess jieħu fit-tul, aktar tqum il-possibilità li jinqalgħu ostakoli, li jkomplu jwasslu għal aktar dewmien.*

*Din il-Qorti, bħall-ewwel Qorti, tapprezza illi l-volum ta' xogħol u n-nuqqas ta' riżorsi jwasslu għal sitwazzjoni fejn ma jibqax possibbli li kull kaz jingħata l-attenzjoni indiviża biex jitmexxa b'ħeffa u bla ħela ta' żmien. Iżda dan ma huwiex ġustifikazzjoni; anzi jfisser illi l-Istat qiegħed jonqos mill-obbligu tiegħu li jara li s-sistema ġudizzjarju jkollu r-riżorsi kollha meħtieġa biex jista' jimxi b'ħeffa u b'efficjenza waqt li fl-istess ħin jitħarsu l-interessi tal- ġustizzja. Ma nistgħux ma ngħidux ukoll, iżda, illi hemm nuqqasijiet ukoll min-naħa tal-operaturi tas-sistema, għax hija l-inerzja li twassal biex l-affarijiet inkomplu nagħmluhom b'dan il- mod "għax dejjem hekk sar", u għalhekk, għalkemm nafu li jsiru ħażin, inkomplu nagħmluhom hekk.*[4]

Il-Qorti ttenni dak li qalet il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kaz **O'NEILL AND LAUCHLAN v. THE UNITED KINGDOM**[5] deciz fit-28 ta' Gunju 2016 fejn intqal hekk dwar dewmien:

*… in view of the need for diligence triggered by the significant lapses of time both between the commission of the offence and the laying of charges, and between the laying of charges and the applicants' conviction becoming final, the Court considers that the overall length of the proceedings (almost nine years in respect of the first applicant, and just over nine years and two months for the*

[4] Rikors numru 18/2014 TM, Imhallef Giannino Caruana Demajo (Agent President), Imhallfin Noel Cuschieri u Joseph Zammit McKeon.

[5] *Applications nos. 41516/10 and 75702/13*

*second applicant – see paragraphs 16, 46 and 90 above) was excessive and failed to meet the reasonable-time requirement.*

*97. There has accordingly been a breach of Article 6 § 1.*

Ricenti hafna l-Prim Imhallef Emeritus Vincent Degaetano fid-decizjoni tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet **Gafa vs Malta** deciza fit-22 ta' Mejju 2018 irrimarka:

> 3. Now, it is true that before this Court the applicant did not complain under Article 6 § 1 of the Convention that he was not tried within a reasonable time, even though a period of four years and six months for one level of jurisdiction is *prima facie* problematic (see, for example, *Temeşan v. Romania*, no. 36293/02, §§ 53-58, 10 June 2008; for civil proceedings, *Kédiszentkereszti Bíró v. Hungary*, no. 236/12, §§ 11 to 13, 18 October 2016).

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u l-problemi li kien ghaddej minnhom l-imputat fl-ahhar snin.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-**Gmiel tar-Riabilitazzjoni**[6]:

*Kemm għandna bżonn noffru dejjem aktar lil min jiżbalja l-opportunità li jerġa' jirriabilita ruħu! Fil-familji, fis-soċjetà ... hemm wisq individwi li ġew imqiegħda fil-ġenb minħabba xi għemil żbaljat tagħhom. Ħafna drabi l-qorti tal-poplu tagħti s-sentenza tal-kundanna, imma mbagħad ma tammettix appell!*

*Persuni bħal dawn qed jitkarrbu biex jerġgħu jiġu rriabilitati. Mhux qed ngħid li l-ħażin nibdew ngħidulu tajjeb. Żball jibqa' żball; imma persuna li tagħmel l-iżball għandha dejjem tingħata l-possibbiltà li jekk trid u jiddispjaċiha tal-iżball li tkun*

[6] Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex nhar il-Ħamis 3 ta' Awwissu 2017 f'B'Bugia

*għamlet, hija ssib l-għajnuna biex terġa' tqum fuq riġlejha u terġa' tibda tikteb paġna ġdida fl-istorja tagħha u tal-familja tagħha.*

*Inħoss li s-soċjetà tagħna għadha ma temminx biżżejjed fil-qawwa tal-proċess tar-riabilitazzjoni. Ikun ħafna aħjar li s-soċjetà, anki jekk b'ħafna tbatija, tirkupra wieħed mill-membri tagħha li jkun żbalja u tgawdi mill-ħiliet varji tiegħu, milli biex tissodisfa s-sens ta' vendetta, tiskarta u tarmi. Aħjar nirriskjaw li dak li jkun nagħtuh il-fiduċja u jerġa' jagħmilhielna, milli nagħlqu l-bieb għal kulħadd, anki għal nies ġenwini li jiżbaljaw u jixtiequ jitwieldu mill-ġdid!*

Mis-suespost, jidher li l-imputat f'dawn l-ahhar snin qieghed jaghmel l-almu tieghu biex jitbieghed mit-triq tal-kriminalita, u jaghti ammont ta' stabbilita f'hajtu.

Il-Qorti, wara li irriflettiet fit-tul, hija tal-opinjoni li l-isforzi tal-imputat jisthoqqilhom li jigu inkoraggiti u li f'dan il-kaz jezistu cirkostanzi specjali u straordinarji ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, ghalfejn il-piena ghandha tkun taht il-minimum stabbilit mil-ligi, stante li piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi u ghalhekk din il-Qorti mhux se tilqa' t-talba li fil-kaz pendenti li ghandu quddiem il-Qorti li beda fl-2012 tnehhilu l-liberta' provizorja u tikkonfiskalu l-garanzija personali. Il-Qorti tkun qieghda taghmel ingustizzja u ma tkunx qeghda tiddeciedi bi proporzjonalita' li kieku kellha taghmel dan, meta l-imputat kiser l-ordni darba f'kaz li ilu ghaddej mill-2012 fejn il-Qorti Ewropea tal-Gustizzja ghamlitha cara li dan hu dewmien inaccettabbli u kkundannabbli u f'kazijiet li hadu dan it-tul iddikjarat li kien hemm ksur tad-drittijiet tal-bniedem.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 18, 21, 183, 184, 334(c), 334A, 308, 49, 50 u 289 tal-Kap 9 issib lill-imputat Vincent Xuereb hati tal-imputazzjonijiet kollha addebitati fil-konfront tieghu u tordna li, ai termini ta' Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin millum.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat Vincent Xuereb bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta' probation u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b'din is- sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation moghtija b'Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenja ufficjal tal- probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Vincent Xuereb.

L-Uffiċjal Sorveljanti assenjat għandu jirrapporta bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-ħatja kull sitt (6) xhur.

In konkluzzjoni l-Qorti qeghda tqieghed lill-hati taht ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kodici Kriminali, liema ordni qieghed isir ghal perjodu ta' tliet (3) snin bil kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment.

Finalment, il-Qorti tordna li ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien sitt ijiem tax-xoghol.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**